ISSUE 33
13/04/2020

COVID-19
INFO PAGE

PROPOSTA MALTIJA

Jekk **l-Unjoni Ewropea ma tnedix missjoni umanitarja urġenti fil-Libja, se jkun hemm traġedja umana fil-Mediterran fil-jiem u l-ġimgħat li ġejjin**. **Malta llum ipproponiet lill-Unjoni Ewropea pakkett t'emerġenza umanitarja** biex tissupplixxi lil-Libja u lill-immigranti hemmhekk b'ikel, mediċina u provvista ta' għajnuna medika. Is-sitwazzjoni fil-Libja qed tiddeterjora u d-domanda biex in-nies jaħarbu tista' tiżdied bil-qawwa. Il-proposta Maltija għall-Ewropa hija li **toffri għajnuna lill-immigranti fil-Libja u li tiġġieled it-traffikar tal-bnedmin**. **Bħalma għamlet dejjem, Malta lesta tagħmel il-parti tagħha** iżda, fid-dawl tal-firxa tal-Covid-19 u bil-portijiet f'Malta, l-Italja u Spanja magħluqin, **l-isfida tal-immigrazzjoni titlob rispons Ewropew u mhux ta' pajjiż żgħir waħdu**. Hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea **ma tħallix il-kriżi tisplodi u minnufih tieħu azzjoni biex tevita katastrofi umana**.

KAŻIJIET ĠODDA

6 kienu l-każijiet ġodda ta' Covid-19 wara aktar minn 1,000 test li saru fl-aħħar sigħat. Fosthom hemm immigrant miċ-ċentru miftuħ ta' Ħal Far u ħaddiem min-Nepal. L-awtoritajiet tas-saħħa għamluha ċara li l-imxija tal-Covid-19 **għadha qed tirranka u kulħadd għandu jibqa' dixxiplinat fuq id-direttivi kollha**. Il-virus qed jinxtered bi trażmissjoni lokali u għalhekk **importanti li nibqgħu fi djarna u nipproteġu lill-anzjani u persuni vulnerabbli**. B'kollox issa hemm **384 persuna f'pajjiżna li rriżultaw pożittivi għall-virus**. 2 jinsabu fl-ITU, 10 f'Mater Dei, 17 qed jinżammu fl-Isptar Boffa, 16 fi sptar privat, 2 f'Monte Carmeli, 1 f'San Vinċenz de Paul u 1 fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Il-kumplament tal-pazjenti jinsabu f'iżolament fid-dar tagħhom stess taħt osservazzjoni medika. **Sal-lum fiequ 44 persuna li kienu rriżultaw pożittivi**.

for more information and
updates visit **www.covid19.gov.mt**

GVERN TA' MALTA

ISSUE 33
13/04/2020

SPEZZJONIJIET FUQ ĠEMGĦAT U KWARANTINA

50 persuna ngħataw multa ta' €100 kull wieħed waqt ir-rondi kontinwi li l-Pulizija qed tagħmel biex tassigura li ma jkunx hemm ġemgħat t'aktar minn 3 persuni f'postijiet pubbliċi skont l-avviż legali li ħareġ il-Gvern. Intant **ħadd ma nstab jikser il-kwarantina obbligatorja fis-639 spezzjoni li saru fl-aħħar 24 siegħa**. L-appell jibqa' dak li **kulħadd ikun responsabbli u jikkopera mad-direttivi li qed jingħataw mill-awtoritajiet**.

SEHEM INDISPENSABBLI

Hemm diversi ħaddiema f'setturi differenti li, bħal sħabhom fl-isptarijiet u fil-korpi dixxiplinati, **qed jaħdmu 24 siegħa kuljum, il-ġimgħa kollha, biex jipprovdu servizzi essenzjali**. Fosthom hemm **l-oqsma tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u dawk tal-provvista tal-ilma**. Bħalissa, minkejja l-firxa tal-virus, **ħaddiema tal-Enemalta u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed jagħtu sehemhom biex, apparti lill-isptarijiet u djar tal-anzjani, fi żmien meta aktar nies huma miġburin f'darhom, jassiguraw provvista ta' dawl u ilma bla waqfien**. Ma jidhrux, imma sehemhom huwa **indispensabbli**.

E-BOOKS

Għalkemm għalissa bil-bibien magħluqa minħabba l-imxija tal-Covid-19, **Malta Libraries qed toffri faċilità biex wieħed ikun jista' jissellef ktieb u jaqrah f'format elettroniku**. Min huwa interessat għandu jidħol **www.maltalibraries.gov.mt għal tagħrif dwar is-servizzi offruti**. Is-sit **maltalibraries.overdrive.com u l-app tal-qari LIBBY jagħtu aċċess b'xejn għal aktar minn 8,000 e-book, audiobook u magazine**. Dawk diġà tesserati jistgħu jirreġistraw bid-dettalji tal-karta ta' sħubija ta' Malta Libraries. **Min mhux membru jista' japplika online mingħajr il-bżonn li jżur il-librerija tal-lokal**.

ID-DIER IKOMPLI JAĦDEM

Minn nhar **il-15 ta' April, id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi għalissa se jagħlaq il-bibien tiegħu** sabiex tiġi mħarsa s-saħħa tal-pubbliku kif ukoll tal-ħaddiema. Minflok, xorta se **jagħti servizzi bit-telefonija jew online**. Id-DIER **diġà għandu l-helplines 1575 (għall-ħaddiema) u 1576 (għal min iħaddem) kif ukoll l-indirizz elettroniku info.dier@gov.mt** biex fost l-oħrajn joffri gwida u kjarifiki f'dawn il-mumenti partikolari li l-pajjiż għaddej minnhom. Bil-liġi, kull tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema jrid qabel xejn jikseb il-permess tad-DIER biex jidħol fis-seħħ.

HELPLINES

111 – Għal dawk li **jħossu sintomi tal-COVID-19** jew jixtiequ iktar **informazzjoni**

21411 411 – Għal dawk fi **kwarantina mandatorja** li għandhom bżonn provvista ta' ikel u mediċinali

2294 4511/2294 4504 – Biex tirrapporta lill-pulizija **każi ta' ksur tar-regolamenti** dwar saħħa pubblika u l-Covid-19

1770 – Għal min għandu bżonn **appoġġ emozzjonali u serħan mentali**

1772 – Għal dawk li **jħossuhom waħedhom**

2545 1111 – Għal healthcare workers **f'Mater Dei, fl-Isptar Boffa u Sir Anthony Mamo**

2364 5002 – Għal ħaddiema fil-**Primary Health Care, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u Mount Carmel**

1575 – Għall-ħaddiema biex jistaqsu dwar pagi u kundizzjonijiet ta' xogħol

1576 – Għal min iħaddem biex jistaqsu dwar pagi u kundizzjonijiet ta' xogħol

153 – Għal dawk li jridu **tagħrif** dwar il-miżuri **fil-pakkett finanzjarju** li qed jiġu amministrati **mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali**

144 – Għal dawk li jridu **tagħrif** dwar il-miżuri **fil-pakkett finanzjarju** li qed jiġu amministrati **mill-Malta Enterprise**

2204 2200 – Għar-residenti Maltin li **nqabdu f'pajjiż ieħor u jridu jiġu lura Malta**

2598 1000 – Għal dawk li għandhom **domandi dwar is-settur edukattiv**

2169 2447– Għal **lukandiera** u **turisti** li għandhom domandi dwar il-miżuri mħabbra

2590 3030 – **Għall-anzjani mingħajr sapport** li għandhom bżonn mediċini, ikliet lesti jew prodotti tal-ikel (frott u ħaxix)

2546 9111 – Għal dawk li jaħdmu fl-industrija tal-**gaming**